MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 75/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Lozano-Manka Katarzyna [ID. Nru. 56083(A)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' sitt mija sitta u tletin euro u hamsa u disghin centezmi ta' euro [€636.95] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija sitta u tletin ewro u hamsa u disghin centezmu (€636.95) in konnessjoni ma' servizz ta' Home Pack 42 (AC40143200), u li jinkludi servizz ta' telefon 21331819, servizz ta' televizjoni 142596938, u servizz ta' ADSL.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2012, nhar it-18 ta’ Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ sitt mija sitta u tletin euro u hamsa u disghin centezmi ta’ euro [€636.95], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------